

# Programm
## tal-Festi Solenni li jsiru fil-Parrocca tal-Imqabba f'gieh
# SANTA MARIJA
## Patruna tar-Rahal

mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu, 1982

# LINDA STORE

MONS. P.P. SAYDON STREET, ZURRIEQ.

Prop: Paul Cardona Tel: 827215

**Issibu dak kollu li tiġu bżonn fid-dar. Kollox bi prezz moderat u servizz mill-aħjar.**

- **Tnaqqis Speċjali għall-Ħlas fil-Pront**
- **Ħlas bin-Nifs Aċċettat Ukoll**

# The White Cross Dispensary

ST. BASIL STREET, MQABBA

Stockist of:

**Patents, Cosmet:cs and all Baby Foods and requisits**

**Trust your Hairdresser . . . Her special secret**

**Natural styling method . . .**

Only your Hairdresser can give you that Special Style

**For longer lasting style contact**

# STYLES SALON

**13, ST. CATHERINE STREET, MQABBA**

# KRISTIANNE

*Mattia Preti Sqr., Zurrieq.*

Stockists:

- **HOUSEHOLD GOODS**
- **PERFUMES**
- **COSMETICS**
- **BABY FOODS ETC.**

**TEL: 827391**

## Il-Kelma tal-Kappillan:

# IL-VERA XEWQA TA' MARIJA

Waħda fost l-akbar imħabbiet li jeżistu fil-qalb tal-bniedem, hija dik bejn l-Omm u l-ulied. L-Omm vera, fuq l-eżempju ta' Ommna Marija tas-Sema, tagħmel kollox ...... anzi tagħti kollox għall-ġid u l-hena ta' l-iben jew bint maħbub tagħha. Hija mħabba safja, imneżża' minn kull forma ta' egoiżmu, u għalhekk ma' tafx x'inhu nteress personali. Din il-kwalita' ta' mħabba ġagħlet lil MARIJA tgħid 'IVA' għall-istedina tal-Anġlu, u lil Binha Ġesu' jgid 'Tkun magħmula l-Volonta' Tiegħek, Missier, għall-offerta tal-Kalċi fl-Ort tal-Ġetsemani, biex flimkien huma kisbulna s-salvazzjoni ta' ruħna.

Din l-imħabba ta' Marija u ta' Binha, hija għajn li qatt ma tinxef, filwaqt li tkompli ssaqqi qlub uliedha.

Għalhekk, tifraħ b'Marija u tagħmlilha festa, jfisser li tixrob bla qatt tixba' minn dina l-għajn u tressaq oħrajn jixorbu miegħek. Festa lil Marija tfisser użu tajjeb tas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin, tinsa' dak kollu li jifred wieħed minn ieħor, kun lest li tifraħ bl-onesta' u bis-sinċerita' ma' kulħadd għax kulħadd huwa binha.

Jekk il-festa tagħna ma' twassalx biex tgħaqqad, tisqi din l-imħabba, u tressaq lejn il-Knisja l-Parroċċa tagħna, allura l-festa hija biss spejjeż għalikom, u bla ebda siwi ta' xejn ħlief ħela ta' enerġija li tista' tintuża għal finijiet ferm aktar nobbli. Daqsxejn ta' żiffa twarrab, għal kollox id-duħħan. Il-ħsejjes jaljenawk għall-mument ...... meta ma' jdejqukx ukoll. U x'ġid tkun ħadt ...... Xejn ...... anzi tlift.

Għalhekk, ejjew nuru ftit aktar maturita'. Hallu lilha tkellimkom meta tħarsu lejha: "Jekk tħobbuni tassew ħarsu l-kelma t'Ibni, obogħdu d-dnub. Għixu fl-imħabba bejnietkom u bl-imħabba dewwu u fejqu kull ġerħa ta' firda jew mibgħeda. Kunu ixbħuni f'kollox jekk triduni nagħrafkhom u nħariskom bħala wliedi".

Din hi x-XEWQA ta' MARIJA MTELLGHA s-SEMA. DAN HU KMAND għal kull IBEN u BINT li THOBB TASSEW.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

Fr. Willie Vella

## FESTI TA' ĠOL-KNISJA

### Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### It-Tnejn, 9 ta' Awissu — Hruġ ta' l-Istatwa

8.00 p.m. Isir il-Hruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija. Kant l-Innu Ave Maris Stella u Antifona.

### L-Erbgħa, 11 ta' Awissu — L-Ewwel Jum tat-Tridu.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Kappillan Dun Charlie Attard, bl-Omelija 'Marija Mtellgħa bir-Ruħ u bil-Ġisem'.

7.15 p.m. Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### Il-Ħamis, 12 ta' Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridu.

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Mons. Pantaleone Orland bl-Omelija 'Marija, Sultana tas-Sema u l-Art.

7.15 p.m. Bħall-jum ta' qabel.

### Il-Ġimgħa, 13 ta' Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu.

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata speċjali għall-Morda u l-Anzjani mill-W.R. Kan. Carmelo Cefai bl-Omelija 'Marija Saħħa tal-Morda'. Fl-istess Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.

7.45 p.m. Bħall-jum ta' qabel.

### Is-Sibt, 14 ta' Awissu — Lejliet il-Festa.

8.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, il-W.R. Dun Willie Vella. Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona.

6.30 p.m. Traslazzjoni solenni tar-Relikwija, immexxija mill-W.R. Mons. Paul Pace.
Quddiesa solenni mill-W.R. Dun C. Bianco, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### Il-Ħadd, 15 ta' Awissu — Jum il-Festa.

5.30 a.m. u 7.00 a.m. Quddies.

8.00 a.m. Kant solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni solenni u Pontifikal immexxija mill-W.R. Mons. Pawl Pace li jinseġ ukoll il-Paniġirku.

10.30 a.m. 11.30 a.m. u 12.30 p.m. Quddies.

6.00 p.m. Sekondi Vespri solenni mill-W.R. Mons. Pawl Pace, Salve u Litanija.

7.30 p.m. Proċessjoni bl-Istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Monsinjur.

10.15 p.m. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. (1) Is-Sibt, lejlet il-Festa, filgħodu u filgħaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar.

(2) Il-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa, tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Salv Galea, O.P.

**Il-Ħadd, 22 ta' Awissu — L-Ottava tal-Festa.**

8.30 a.m. Quddiesa Kantata Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

---

**Rendikont:—**

## FESTA TA' SANTA MARIJA — 1981

### Dħul:

| | | |
|---|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra | £M | 54.84.7 |
| Ġbir bl-'envelopes' | | 546.89.0 |
| Reklami u offerti oħra | | 44.00.0 |
| Ġbir mix-Xebbiet | | 19.30.0 |
| Ġabra speċjali fil-Knisja | | 70.75.0 |
| | Dħul Totali | £M735.78.7 |

### Ħruġ:

| | | |
|---|---|---|
| Orkestra | £M | 256.25.0 |
| Personnel barrani | | 70.00.0 |
| Stampar ta' programmi | | 39.00.0 |
| Fjuri | | 16.40.0 |
| Organista | | 26.00.0 |
| Armar fil-Knisja | | 25.00.0 |
| Daqq ta' qniepen/Antreni/Standarti/Salib | | 42.00.0 |
| Dawl: Faċċata tal-Knisja/Kampnar/Koppla | | 202.32.0 |
| Konsum ta' l-elettriku | | 35.00.0 |
| Trasport barrani | | 12.00.0 |
| | Ħruġ Totali | £M723.97.0 |

| | |
|---|---|
| Dħul | £M735.78.7 |
| Ħruġ | 723.97.0 |
| Bilanċ għal din is-sena | £M 11.81.7 |

# Kelmtejn mill-President . . . .

"Qatt ma kont nobsor li l-Festa tirrikjedi daqshekk xogħol," ikkummenta membru ġdid fil-Kumitat. Dan huwa kollu minnu. Mhux biżżejjed tlesti l-appuntamenti kollha ta' Baned, dawl, etċ., trid titħabat sabiex issib min hu lest li jaħdem u jgħin. Ikun hemm ħafna mumenti ta' qtugħ il-qalb. Iżda meta tara r-rieda qawwija ta' min veru għandu għal qalbu l-ġid tas-soċjeta' titqawwa fil-kuraġġ u tkompli tissielet.

Kemm għandna nirrispettaw lil min b'ħafna sagrifiċċji jgħallem lit-tfal għall-Banda, min jaħdem in-nar, min jaħdem biex isebbaħ il-Każin, min iħit id-drapp, min jiġbor bieb bieb, u lil min jorganizza. B'nies bħal dawn u oħrajn li dejjem lesti biex igħinu s-Soċjeta' tkun tista' tkompli taħdem u tissaħħaħ sabiex darba fis-sena tilħaq l-iskop ewlieni tagħha li tqim kif jixraq lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Issa li ninsabu fil-ġranet sbieħ tal-Festa, ersaq minn rajk fuq min hu responsabbli għall-ġbir u agħti sehmek. Uri li tapprezza x-xogħol kollu li sar billi żżur il-Każin, tiġi mal-marċi, u għin fejn tista'. Fuq kollox, niċċelebraw bħal dejjem b'mod dekoruż ...... b'mod li jixraq lil MARIJA.

---

*Nirringrazzjaw* lid-dilettanti tan-nar tas-sagrifiċċju li għamlu.

lil Carmen Farrugia tal-ġbir għall-festa li kienet tagħmel;

lill kull min għen għall-festa.

*Nawguraw* lill-aħwa Jacqueline u Lucienne Grixti li ħadu post Carmen Farrugia.

lill-kuntrattur tad-dawl il-ġdid is-Sur Reno Ciantar.

---

Fil-jiem tal-Festa jsir sparar tal-musketterija, ħruq ta' kaxxi nfernali, beraq pront u murtali tal-kulur. In-nar kollu huwa xogħol tad-Dilettanti tas-Soċjeta' Santa Marija.

## FESTI TA' BARRA:

### Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina

8.00 p.m. Mixgħela tal-Faċċata tal-Knisja u tal-Każin King George V.

### It-Tnjen, 9 ta' Awissu — Hruġ tal-Istatwa.

8.15 p.m. Toħroġ l-istatwa artistika ta' Santa Marija fuq iz-zuntier. Wara li l-Banda King George V tilqa' l-istatwa bl-'Ave Maria' u Marċi brijużi, tiftaħ il-Festa billi tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal bil-marċi. Isir ħruq ta' murtali.

### L-Erbgħa, 11 ta' Awissu — L-Ewwel Tridu.

8.15 p.m. Il-Banda tas-Soċjeta' Santa Marija, King George V tagħmel marċi mat-toroq tar-Raħal.

### Il-Hamis, 12 ta' Awissu — It-Tieni Tridu.

Il-popolari "Duke of Connaught" ta' B'Kara tferraħ it-toroq tar-Raħal b'marċi brijużi.

### Il-Ġimgħa, 13 ta' Awissu:

Il-Banda King George V tagħmel il-marċ tradizzjonali fost briju kbir tal-partitarji. Wara l-marċ isir ħruq ta' logħob tan-nar.

### Is-Sibt, 14 ta' Awissu — Lejliet il-Festa

7.30 p.m. Marċi mar-raħal mill-Banda Unjoni ta' Hal-Luqa.

9.00 p.m. Marċi brijużi mill-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq.

9.15 p.m. Hruq ta' murtali tal-kulur u beraq pront.

10.30 p.m. Hruq ta' logħob tan-nar artistiku.

### Il-Hadd, 15 ta' Awissu — Jum il-Festa.

6.00 p.m. Il-Banda Queen Victoria u Unjoni jagħmlu marċi mar-Raħal u wara jesegwixxu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

7.30 p.m. Toħroġ il-proċessjoni bl-Istatwa artistika ta' Santa Marija. Meta l-Istatwa tasal ħdejn il-Każin, il-Banda Queen Victoria ddoqq "Innu lil Marija Assunta" kitba ta' Patri J.M. Ghigo S.J. u mużika tas-Surmast Kav. George Martin A.Mus., LCM., SMOSJ. Ikantaw it-Tenur Joe Huber L.R.S.M. u l-Baritonu Joe Fenech mal-kor tax-xebbiet tal-istess Soċjeta'.

# 30 SENA ILU . . .



Fl-1950 is-Sur Lorenzo Ellul, ammiratur kbir tas-Soċjeta' Santa Marija, xtaq li jagħmel statwa kolossali ta' Santa Marija u jpoġġiha f'post prominenti fil-pjazza sabiex tħares lill-Imqabbin. Iltaqa' ma ħafna diffikultajiet u tfixkil.

Lorenza xtaq bil-qawwa kollha li l-istatwa ssir. Resaq fuq il-Kumitat tal-Każin King George V u sar ftehim li wara li jsir xi tibdil fil-pjanti l-Istatwa titpoġġa fuq il-faċċata.

Is-Sur Marco Montebello ntagħżel biex jagħmel id-disinn u x-xogħol ta' fuq l-Istatwa. Intlaħaq ftehim malajr, u f'Jannar tas-sena 1952 is-Sur Lorenzo Ellul, mgħejjun mis-soċi tal-Każin Re Ġorġ V, qata' l-ġebla tal-franka, sħiħa u hekk sabiħa, mill-barriera tiegħu stess f'Ta Kandja, limiti tal-Imqabba. Minn hawnhekk il-benefattur ħadha, dejjem għas-spejjeż tiegħu, fil-ħanut tas-Sur Montebello.

Skond il-ftehim l-istatwa kellha tkun magħmula minn ġebla sħiħa, madwar 9 piedi għoli u tkun lesta sa Marzu 1952 L-iskultur kellu jirċievi £50 mingħand id-donatur wara li l-istatwa tittella' f'postha.

Ix-xogħol mexa mgħaġġel sewwa u nhar il-Hadd, 22 ta Ġunju, 1952, kienet il-ġurnata li l-Istatwa kellha tittella' fuq il-Każin. Inqalgħu ħafna diffikultajiet u dlonk ġie nkarigat is-Sur Eugenio Sciberras biex jieħu ħsieb l-armar u jtella' l-Istatwa. Eugenio ddeċieda li l-istatwa għandha tibqa' sħiħa u tita' minn quddiem il-Każin. Wara li twaqqaf l-armar, sar it-tberik

tal-Istatwa mill-Eċċ. Tiegħu Rev.ma Mons. Emm. Galea, Vig Ġen.

Fost taqtigħ il-qalb mill-akbar, iżda wkoll fost ferħ bla qjies, Lorenzo Ellul, il-Kumitat tal-Każin, u partitarji taw lil din l-isatwa tiela' bil-mod — iżda dejjem 'il fuq — sakemm waslet f'postha. B'hekk din l-Istatwa ta' Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema setgħet tħares lil ulieda devoti.

BANDA:

*Nifirħu lill-banda King George V li rnexxielha tagħmel b'suċċess fis-servizz tagħha barra mir-Raħal nhar 27-6-82 ġo Kirkop — f'egħluq it-30 sena tat-tlugħ l-istatwa fuq il-faċċata.*


**ZAMMIT PHOTO STUDIO**

ZURRIEQ CENTRE — MALTA

Studio Tel: 820010

**CAMERAS**
**FILMS & PHOTO**
**GOODS**
**DEALER**

WEDDINGS, PARTIES, CINE & FLASHLIGHT
WORKS AND OTHER SOCIAL AVTIVITIES
BY APPOINTMENT

INSTANT I.D. AND PASSPORT PHOTOES

FREE FILM SERVICE

Openning Hours: 8.30 to 12.00; — 4 to 1.00

# ERBGHIN SENA ILU

## IL-CONVOY TA' SANTA MARIJA

*Meħud mill-Ballata tal-Convoy ta' Santa Marija ta' A. Farrugia*

Kien il-jum tlettax t'Awissu, l-aħħar jum tat-Tridu qabel il-Festa ta' l-Assunta, il-festa prediletta ta' kollha kemm huma l-Maltin u Għawdxin.

Mill-ħames basimenti tal-'Convoy', erba' kienu qorbu sewwa lejn ix-xtut ta' Malta. L-"OHIO", marbut ma' żewġ 'destroyers', waħda kull naħa, kien miexi bil-mod, b'passi ta' nemla. Meta l-bastimenti qorbu lejn Malta, l-attakki fuqhom mill-Ġermaniżi u t-Taljani, naqsu tassew. Il-'fighters' tar-'ROYAL AIR FORCE" speċjalment il-famużi 'SPITFIRES', li anki t-tfal żgħar kienu bdew jagħrfuhom u jqisuhom bħala l-anġli kustodji ta' Malta, kienu taru mill-aerodromes ta' Ħal Far u Ta' Qali, u saru wkoll l-anġli kustodji tal-'Convoy'. Il-bdoti Ġermaniżi u Taljani kienu jibżgħu minnhom daqs il-bard!

L-ewwel ma daħlu fil-Port il-Kbir kienu l-erba' bastimenti. Kull vapur li kien jitfaċċa fix-xefaq kien jislet minn fomm l-eluf ta' Maltin li kienu mperċin fuq is-swar tal-Belt u l-Barrakki għajjat kbir ta' ferħ u ċapċip liema bħalu.

Mil-kampnari tal-knejjes, bdew jinstemgħu l-moti ta' ferħ u dak il-ħin il-Maltin insew il-għaks, il-ġuħ, u l-martirju li kienu għaddejjin minnu.

L-erba' bastimenti: "PORT CHALMERS", "MEL BOURN", "ROCHESTER CASTLE" u "BRISBANE STAR", kienu issa daħlu Malta u bdew jinħattu minnufih.

Kien għad jonqos biss l-"OHIO", bit-tagħbija tiegħu wisq prezzjuża. Jekk l-"OHIO" ma jasalx il-Port u ż-żejt tiegħu ma jinħattx, 'Operation Pedestal' tkun falliet!

Jinħtieġ fuq li jinħtieġ li l-"OHIO" jżomm fil-wiċċ! Jinħtieġ li ż-żejt jasal Malta!

Il-vapuri fil-Port daħlu
Fost ċapċip, għajjat ta' ferħ,
Kulħadd kellu tama kbira
Illi Malta ssib is-serħ.
Malta kollha f'Jum l-Assunta,
Lil-Madonna qima tat.
Għaliex f'lejlet l-Għid minn tagħha,
Malta mejta irxuxtat!

ANTON FARRUGIA

Hemm il-ħsieb li ssir pittura tal-'Convoy' għas-sala fuq disinn tal-Kavalier Pawlu Camilleri Cauchi.

**KRISTIANNE**
**PHARMACY**

Stockists:

PHARMACEUTICALS, PERFUMES,
COSMETICS, BABY PRODUCTS, ETC.
Triq ic-Cavi
Mqabba.

Għall-installazzjoni tad-dawl fid-djar u
twaħħil ta' Aerials u Boosters

Irrikorru:

**ANTHONY BUSUTILL**
108, PARISH STREET,
MQABBA.
— HLAS MODERAT —

**FARELL**

BATHROOM CENTRE
Electrical and Plumbing
Triq is-Sajjied, Zurrieq
Telephone: 822396

**ELLUL WOODWORK – MQABBA**

GHAL KULL XORTA TA' XOGHOL TA'
APERTURI, AMARA U KOLONNI TAT-
TARAĠ BI PREZZIJIET MODERATI.

ELLUL WOODWORK
Valletta Road, Mqabba.

## LIL MARIJA ASSUNTA

Marija:
Kelma ta' faraġ
isem ta' tama
ġenna ta' mħabba.
Marija:
Omm l-Iben t'Alla
għaxqa tas-sema
għajnuna tagħna ......
Ibqa'
Marija,
saltan ġo beltna
fawwar lil qlubna
ferraħ lil djarna.
Ibqa'
Sultana
Ommna Marija,
fewwaħ l-art tagħna
serraħ lill-morda
ħares 'l uliedna.
Kelma ta' seħer
isem ta' tama
ġenna ta' mħabba:
Marija.

George Mercieca SDB.

Barbara Press. Barcelona Lane Xarolla. Zurrieq. Tel. 829629